**25 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**Onor. Joseph D. Cammileri B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Albert Manche` LL.D.**
**Onor. Franco Depasquale LL.D.**

Cecil Pace *et pro et noe*

*versus*

Emanuel A. Bonello *pro et noe et*

## Benefiċċju tal-Garanzija bil-Ġurament - Garanti Tajjeb

*La l-garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell mogħtija minn garanti kienet inkondizzjonata u ma ġiet qatt irtirata minnu, u billi r-Reġistratur tal-Qorti aċċetta dik il-garanzija, u billi l-appellat neħħa l-opposizzjoni tiegħu għall-imsemmi garanti, dak il-garanti sar 'garanti tajjeb" fis-sens ta' l-artikolu 904(1) tal-Kapitolu 12 fil-konfront tal-partijiet kollha interessati.*

*Isegwi li t-talba ta' l-atturi li jkunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament ma tistax timexxi.*

*Il-Qorti:-*

L-atturi għamlu din iċ-ċitazzjoni sabiex ikunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, għall-ispejjeż ta' l-appell minnhom interpost mis-sentenza tas-6 ta' Marzu, 1990 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet inversi (Ċitażż. Nru. 828/88). L-atturi jsostnu li huma sabu opposizzjoni għall-garanti provdut minnhom u ma mexxilhomx isibu garanti tajjeb u inoltre għandhomx *probabilis causa litigandi* ai termini ta' l-artikolu 904(1) tal-Kapitolu 12;

*Ir-Reġistratur tal-Qorti baqa' kontumaċi f'din il-kawża;* u l-konvenut l-ieħor, Emanuel A. Bonello oppona l-istanza ta' l-atturi billi eċċepixxa li din ma saritx fit-terminu preskritt fl-artikolu 900 (1) tal-Kapitolu 12 (liema eċċezzjoni ġiet sussegwentement iritirata

minnu) u inoltre li l-atturi m'għandhomx *prima facie probabilis causa litigandi*;

Minn eżami ta' l-atti ta' l-appell (828/88) imsemmi jirriżulta li l-atturi appellanti pproduċew bħala malleverija, il-garanzija ta' l-Avukat Dottor Malcolm Pace, li daħal bħala garanti solidali ma' l-appellanti għall-ispejjeż ta' l-istess appell, billi ipoteka l-ġid li għandu u li jista' jkollu u billi rrinunzja għal kull benefiċċju tal-liġi. Dan il-garanti ma ġiex oppost mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri, iżda ġie protestat mill-appellat Emanuel Bonello *proprio et nomine*;

Irriżulta li fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 1994 l-imsemmi appellat Emanuel Bonello irtira l-opposizzjoni li kien għamel għall-imsemmi garanti;

Id-difensur tal-konvenut qiegħed isostni illi in vista tat-tneħħija ta' l-opposizzjoni għall-garanti oriġinarjament offert mill-atturi, il-meritu ta' l-odjerna kawża huwa issa eżawrit. Id-difensur ta' l-atturi ssottometta illi l-malleverija ma terġax neċessarjament tiġi *in vigore* minħabba s-sempliċi irtirar ta' l-opposizzjoni tal-konvenut u għalhekk talab li l-kawża titħalla għas-sentenza;

Jidher ċar li l-garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell mogħtija minn Dottor Malcolm Pace kienet inkondizzjonata u inoltre qatt ma ġiet irtirata minnu. Irid jiġi enfasizzat li r-Reġistratur tal-Qorti aċċetta dik il-garanzija, billi kif diġa' ingħad ir-Reġistratur ma rrifjutax dik il-garanzija bl-ebda protest fit-terminu stabbilit fl-artikolu 897 tal-Kapitolu 12. U billi fl-udjenza tat-1 ta' Ottubru, 1994 l-appellat Bonello neħħa l-opposizzjoni tiegħu għall-imsemmi garanti, dak il-garanti sar "garanti tajjeb" fis-sens ta' l-artikolu 904(1) ta' l-istess

Kapitolu 12 fil-konfront tal-partijiet kollha interessati;

Illi minn dak li ntqal sa issa jidher ovvju li kuntrarjament għal dak li allegaw fiċ-ċitazzjoni, l-atturi mexxielhom isibu garanti tajjeb la darba jirriżulta li issa kull parti aċċettat il-garanzija mogħtija minn Dottor Pace. Għalhekk f'dana l-istadju t-tieni talba ta' l-atturi m'hemmx lok li tintlaqa'. Isegwi li t-talba prinċipali ta' l-atturi, ċjoe` t-tielet waħda, li biha talbu li jkunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament ma tistax tirnexxi u dana mingħajr ma hemm bżonn li jiġi investigat jekk l-atturi għandhomx *probabilis causa litigandi*;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba ta' l-atturi biex ikunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament fil-kawża ta' l-appell fuq indikata, u, fiċ-ċirkostanzi, tordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-kovenut Bonello *proprio et nomine*.